MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 52/1991/1

Paul Zammit f'ismu proprju u fil-kwalita' tiegħu ta' esekutur
testamentarju tal-mejta Dolores xebba Xuereb
u Antoinette mart l-istess Paul Zammit;
u b'degriet a fol 530, il-ġudizzju ġie trasfuż
f'isem Paul Zammit f'ismu proprju u
F'isem bintu Rita mart Thomas Smith,
In-Nutara Miriam Spiteri Debono, Joseph,
Giorgina xebba, Paola mart Joachim Mathi,
Frances, Michael u Justin aħwa Zammit;

Dolores Galea xebba;

Theresa armla ta' Paul Azzopardi,
u b'degriet Tat-30 ta' Mejju, 2002
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Paul Zammit
f'ismu proprju u F'isem
bintu Rita mart Thomas Smith,
In-Nutara Miriam Spiteri Debono, Joseph,
Giorgina xebba, Paola mart Joachim Mathi,
Frances, Michael u Justin aħwa Zammit.

Kontra

Ir-Reverendu Monsinjur Carmelo Xuereb
u Giorgina xebba Xuereb;

Theresina armla ta' Marcell Mercieca;
u b'degriet tas-16 ta' Mejju 2007
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem
Rev. Arcipriet Carmelo,
Reverendu George, Bernard,
Francis, Joseph, Paul,
Guża xebba, Regina xebba,
Antoinette xebba, Mary xebba,
U Domenica xebba, minflok
Maria Theresa armla ta' Marcel,
Li mietet fil-mori tal-kawża.

Giuseppi Xuereb;

Antonio Xuereb;

George Xuereb, u b'degriet tal-25 ta' Gunju, 1997
il-gudizzju gie trasfuz f'isem Joseph Xuereb u Maria
Concetta Xuereb minflok George Xuereb
li miet fil-mori tal-kawza;

Francesco Xuereb;

Carmelo Xuereb;

Louis Xuereb;

Guseppi Xuereb;

Giuseppi Galea; u b'degriet
Tat-8 ta' Mejju, 2007, il-ġudizzju Ġie trasfuż
f'isem Salvina mart Angelo Mercieca;
Frankie, Raymond,
Antoinette xebba Galea, Minflok
Giuseppi Galea li miet fil-mori tal-kawża.

Carmelo Galea, u b'degriet tat-8 ta' Novembru, 1991,
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Antoinette Zammit,
Dolores Galea u Thereza Azzopardi u
isem il-konvenuti Joseph Galea,
Francesco Saverio Galea u
George Galea minflok Carmelo
Galea li miet fil-mori tal-kawża;

George Galea; u b'degriet tas-16 ta' Mejju
2007, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem
Josephine Galea, xebba;
Frances mart George Portelli,
Pauline mart Joseph Spiteri,
U Mary Anne mart Eucharist Curmi,
Minflok Giorgio Galea li miet
Fil-mori tal-kawża.

Francis Xavier Galea.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi fid-dsatax ta' Awissu, tal-elf disa' mija u sebgħa u tletin (19.VIII.1937) miet f'Victoria, Għawdex, Carmelo Xuereb, iben il-mejjet Antonio, imwieled u kien joqgħod Victoria, Għawdex, (Dok. A) waqt li fis-sitta ta' Gunju, tal-elf disa' mija u erbgħa u ħamsin ( 6.VI.1954) mietet f'Victoria, Għawdex martu Theresa Xuereb bint Gużeppi Micallef imwielda u kienet toqgħod ukoll f'Victoria, Għawdex (Dok. B);

Illi l-imsemmi Carmelo Xuereb irregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment tal-wieħed u għoxrin ta' April tal-elf disa' mija u sebgħa u għoxrin (21.IV.1927) fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo li permezz tiegħu ġew ordnati diversi legati u billi ma nnominax espressament eredi, il-wirt tiegħu ddevolva favur it-tmien uliedu fi kwoti ndaqs u ndiviżi bejniethom u ċioe' Antonio, Giorgio, Giuseppa mart Francesco Galea, Guseppi, Catherina magħrufa bħala

Carmela xebba, Maria xebba, Dolores xebba u Rosa xebba (Dok. C);

Illi l-imsemmija Theresa Xuereb irregolat is-suċċessjoni tagħha sew bit-testment fuq imsemmi u kif ukoll b'testment ieħor tal-ħamsa ta' April tal-elf disa' mija u tmienja u erbgħin (5.IV.1948) fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo li bih ġie ordnat biss legat wieħed (Dok D). Għalhekk fin-nuqqas ta' ħatra espressa ta' eredi, il-wirt tagħha ddevolva wkoll favur it-tmien uliedha fi kwoti ndaqs u ndiviżi bejniethom u ċioe' Antonio, Giorgio, Giuseppa mart Francesco Galea, Guseppi, Catherina magħrufa bħala Carmela xebba, Maria xebba, Dolores xebba u Rosa xebba;
fl-erbatax ta' Diċembru tal-elf disa' mija u tlieta u sittin (14.XII.1963) miet l-imsemmi Antonio Xuereb li ssuċċedewh is-seba' wliedu l-konvenuti Monsinjur Carmelo, Giorgina xebba, Theresina armla ta' Marcell Mercieca, Giuseppi, Antonio, George u Francis, aħwa Xuereb (Dok R);

Illi fis-sebgħa u għoxrin ta' Jannar tal-elf disa' mija u tmienja sittin (27.I.1968) mietet l-imsemmija Catherina magħrufa bħala Carmela Xuereb, u billi din kienet intestata l-wirt tagħha ddevolva skond il-liġi favur is-seba' ħutha l-oħra fuq imsemmija fi kwoti ndaqs u indiviżi bejniethom (Dok E);

Illi fit-tlettax ta' Settembru tal-elf disa' mija u tmienja u sittin (13.IX.1968) miet l-imsemmi Giuseppe Xuereb, li rregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment tal-ħamsa u għoxrin ta' Marzu tal-istess sena (25.III.1968) fl-atti tan-Nutar Guseppi Cauchi li permezz tiegħu huwa nnomina bħala eredi universali tiegħu, lil ħutu Maria, Rosa u Dolores xebbiet (Dok F u G);

Illi fit-tnejn u għoxrin ta' Awissu tal-elf disa' mija u wieħed u sebgħin (22.VIII.1971) mietet l-imsemmija Maria xebba Xuereb li wkoll irregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment tal-ħamsa u għoxrin ta' Marzu tal-istess sena (25.III.1971) fl-atti tan-Nutar Guseppi Cauchi li permezz tiegħu hija ħatret bħala eredi universali tagħha lil ħutha

Guseppi, Rosa u Dolores, iżda billi Guseppi miet qabilha, sehmu akkrexxa favur l-eredi l-oħra (Dok H u I);

Illi fid-disgħa u għoxrin ta' Awissu tal-elf disa' mija u wieħed u tmenin (29.VIII.1981) mietet l-imsemmija Rosa xebba Xuereb li rregolat s-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment ieħor tal-ħamsa u għoxrin ta' Marzu tal-istess sena (25.III.1981) fl-atti tan-Nutar Guseppi Cauchi, li permezz tiegħu hija ħatret bħala eredi universali tagħha lil ħutha Guseppi, Maria u Dolores, iżda billi Guseppi u Maria mietu qabilha, sehemhom akkrexxa favur l-eredi l-oħra Dolores Xuereb (Dok J u K);

Illi fis-sitta ta' Lulju tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (6.VII.1983) miet l-imsemmi George Xuereb li ssuċċedewh it-tlett uliedu l-konvenuti Carmelo, Louis u Guseppi, aħwa Xuereb (Dok Q);
Illi fit-tnejn u għoxrin ta' Novembru tal-elf disa' mija u ħamsa u tmenin (22.XI.1985) mietet l-imsemmija Guseppa mart Francesco Galea, li wirtuha s-seba' uliedha Dolores xebba, Theresa armla ta' Francis Azzopardi, Guseppi, Carmelo, George, Francesco Saverio, u Antoinette mart Paul Zammit, aħwa Galea (Dok S);
fid-dsatax ta' Settembru tal-elf disa' mija u disgħin (19.IX.1990) mietet f'Victoria, Għawdex, l-imsemmija Dolores Xuereb li rregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' erba' testmenti, wieħed sigriet magħmul fl-għaxra ta' Frar tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (10.II.1983) li ġie ppubblikat minn Nutar Michael Refalo fil-wieħed u għoxrin ta' Novembru tal-elf disa' mija u disgħin (21.XI.1990) u tlieta oħra magħmula fit-tletin ta' Marzu tal-elf disa' mija u erbgħa u tmenin (30.III.1984), fis-sbatax ta' Gunju tal-elf disa' mija u sebgħa u tmenin (17.VI.1987) u fl-erbatax ta' April tal-elf disa' mija u disgħa u tmenin (14.IV.1989), kollha fl-atti tan-Nutar Michael Refalo (Dok L, M, N, O u P);

Illi l-partijiet jippossjedu ndiviżament bejniethom, diversi beni u l-atturi ma jixtiequx li jibqgħu iktar f'dan l-istat ta' komunjoni; minkejja diversi tentattivi, il-partijiet ma rnexxielhomx jaqblu dwar diviżjoni paċifika bejniethom;

Illi b'degriet mogħti minn din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja tagħha, fit-tlieta ta' Jannar tal-elf disa' mija u wieħed u disgħin (3.I.1991) l-attur Paul Zammit nomine ġie kkonfermat esekutur testamentarju tal-imsemmija Dolores Xuereb u b'degriet ieħor tas-sitta u għoxrin ta' April tal-elf disa' mija u wieħed u disgħin (26.IV.1991), huwa ġie awtorizzat jipproċedi b'din il-kawża (Dok T u U).

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:
1. Tistabbilixxi l-konsistenza u tillikwida l-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti ġia' eżistenti bejn l-imsemmija Carmelo u Theresa konjuġi Xuereb, billi tiġi ddikjarata li tikkonsisti f'dawk il-beni li jirriżultaw fil-kors tal-kawża.

2. Taqsam l-assi hekk likwidati f'żewġ porzjonijiet ugwali li waħda minnhom tiġi assenjata lill-wirt ta' Carmelo Xuereb u l-oħra lill-wirt ta' martu Theresa Xuereb.
3. Tillikwida l-assi partikolari tal-istess Carmelo Xuereb billi jiġu ddikjarati li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u nofs il-beni l-oħra li jirriżultaw fil-kors tal-kawża.

3. Tillikwida l-assi partikolari tal-istess Theresa Xuereb billi jiġu ddikjarati li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u nofs il-beni l-oħra li jirriżultaw fil-kors tal-kawża.

4. Tiddividi l-assi kollha hekk likwidati fi tmien porzjonijiet li jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-wirtijiet ta' wlied l-imsemmija Carmelo u Theresa konjuġi Xuereb u ċioe' waħda lill-imsemmija Monsinjur Carmelo, Giorgina xebba, Theresina armla ta' Marcell Mercieca, Giuseppi, Antonio, George u Francis, aħwa Xuereb, ulied il-mejjet Anthony, oħra lill-imsemmija Carmelo, lill-imsemmija Dolores xebba, Theresa armla ta' Francis Azzopardi, Guseppi, Carmelo, George, Francesco Saverio, u Antoinette mart Paul Zammit aħwa Galea, ulied il-mejta Guseppa Galea, oħra lill-eredita' ta' Catherina magħrufa bħala Carmela xebba Xuereb u l-erba' porzjonijiet l-oħra lill-attur Paul Zammit nomine rappreżentanti sehem Dolores Xuereb proprju u sehem ukoll ħutha Rosa, Maria u Guseppi, billi dawn waqgħu fuq l-istess Dolores Xuereb.

5. Tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi ereditarji tal-imsemmija Catherine magħrufa bħala Carmela xebba Xuereb billi jiġi ddikjarat li jikkonsistu f'sehemha mill-wirtijiet tal-ġenituri tagħha u l-beni l-oħra kollha li jistgħu jirriżultaw fil-kors tal-kawża.

6. Taqsam l-assi ereditarji ta' Catherina magħrufa bħala Carmela Xuereb f'seba' porzjonijiet ugwali li għandhom jiġu assenjati waħda lill-imsemmija Monsinjur Carmelo, Giorgina xebba, Theresina armla ta' Marcell Mercieca, Giuseppi, Antonio, George u Francis aħwa Xuereb ulied il-mejjet Anthony; oħra lill-imsemmija Carmelo, Louis u Guseppi aħwa Xuereb ulied il-mejjet George; oħra lill-imsemmija Dolores xebba, Theresa armla ta' Francis Azzopardi, Guseppi, Carmelo, George, Francesco Saverio, u Antoinette mart Paul Zammit aħwa Galea, ulied il-mejta Guseppa Galea; u l-erba' porzjonijiet l-oħra lill-attur Paul Zammit nomine rappreżentanti sehem Dolores Xuereb proprju u sehem ukoll ħutha rosa, Maria u Guseppi, billi dawn iddevolvew favur l-istess Dolores Xuereb.

7. Tordna l-assenjazzjoni u l-immissjoni fil-pussess tal-legati mollija u ordnati minn Dolores Xuereb.

8. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att opportun ta' likwidazzjoni u diviżjoni, f'ġurnata, ħin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, fl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Paul Zammit.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. huma m'humiex kuntrarji għad-diviżjoni mitluba purche' isiru l-verifiki meħtieġa.
Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti debitament ġuramentata.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Gunju 1991 li bih innominat lill-avukat Dottor Carmelo Galea bħala perit legali sabiex jieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri datata s-17 ta' Novembru 1991 fejn il-konvenuti Louis, Joseph u Carmelo aħwa Xuereb eċċepew illi ċ-ċitazzjoni kif intavolata u d-diviżjoni kif proposta huma nsostenibbli, billi ċ-ċitazzjoni fiha talbiet għal diviżjoni parzjali ta' kwoti ndiviżi li bħala tali ma humiex possibbli fis-sistema ġuridika ta' pajjiżna.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti preżentata fil-24 ta' Jannar 1992, fejn eċċepew il-kumulu tal-azzjoni bejn il-petitorju u l-possessorju, billi kien hemm pendenti quddiem din il-Qorti kawża fl-ismijiet "Louis Xuereb et. vs Paul Zammit (ċitaz. nru. 108/1999) fejn il-konvenuti odjerni kienu qegħdin jitolbu l-manutenzjoni fil-pussess tal-fondi in diviżjoni mingħand l-attur odjern Paul Zammit, u għalhekk in vista ta' dik il-kawża, din iċ-ċitazzjoni kellha tieqaf.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Frar 1992 li bih din il-kawża ġiet differita 'sine die' sakemm tinqata' definittivament il-kawza possessorja fl-ismijiet indikati.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Mejju 1992 fejn din il-kawża reġgħet ġiet ri-appuntata għall-kontinwazzjoni peress li l-kawża imsemmija kienet ġiet ċeduta.

Rat il-verbal tal-kontendenti magħmul fis-seduta peritali tas-26 ta' Awissu 1992 fejn sar qbil illi l-perit legali kellu jgħaddi għar-relazzjoni dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tas-17 ta' Novembru 1991.

Rat in-Nota ta' l-osservazjonijiet tal-konvenuti tal-1 ta' Frar 1993 dwar din l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom.

Rat ir-rapport peritali relattiv tal-avukat Dottor Carmelo Galea debitament ġuramentat fit-28 ta' Jannar 1994.

Rat id-digriet tagħha ta' l-istess data li bih innominat lill-avukati Dottor Albert Camilleri, Dottor Paul Coppini u Dottor Grezzju Mercieca bħala periti perizjuri, billi b'nota tal-25 ta' Jannar 1994, il-konvenuti Carmelo, Louis u Joseph aħwa Xuereb iddikjaraw illi kienu jħossuhom aggravati bir-relazzjoni tal-perit legali.

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Ottubru 1994 fejn l-avukat Dottor Joseph R. Micallef inħatar in sostituzzjoni ta' Dr. Paul Coppini f'dan l-inkarigu u d-digriet l-ieħor tas-27 ta' Settembru 1996 fejn Dottor Ruth Borg inħatret minflok Dr. Albert Camilleri fl-istess inkarigu.

Rat ir-relazzjoni tal-periti perizjuri ppreżentata fl-20 ta' Frar 1997, debitament maħlufa.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Gunju 1997 fejn din il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq din l-eċċezzjoni ulterjuri.

Rat is-sentenza tagħha tas-16 ta' Settembru 1997 dwar din l-eċċezzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-19 ta' Mejju 2000 fejn l-appell tal-konvenuti minn din is-sentenza *in parte* ġie dikjarat null u bla effett fil-liġi nkwantu proċeduralment irritwali.

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2001 fejn ċaħdet t-talba tal-konvenuti Louis, Giuseppi u Carmelo aħwa Xuereb sabiex l-atturi jiġu inibiti milli jagħmlu xogħlijiet li jistgħu jkunu ta' eventwali preġudizzju għalihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-11 ta' Diċembru 2001 fejn ikkonfermat dan id-digriet.

Rat il-verbal tat-23 ta' Settembru 2004 fejn il-perit legali ġie mitlub jirrelata dwar il-punt jekk il-wirt ta' Dolores Xuereb iddevolviex favur ħutha jew jekk ir-rikavat għandux

imur għal quddies għal ruħha jew inkella għal ruh il-familjari tagħha u dan skond it-testmenti redatti minnha.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dottor Carmelo Galea dwar din il-kwistjoni, minnu ppreżentat fil-5 ta' April 2005 u debitament maħluf fit-22 ta' Ġunju 2005.

Rat ir-Rikors tal-perit legali tat-12 ta' Jannar 2007 fejn bl-adesjoni tal-kontendenti kollha talab sentenza *in parte* a bażi tal-konklużjonijiet peritali tiegħu fir-relazzjoni tal-5 ta' April 2005.

Rat il-lista ppreżentata mill-atturi fit-8 ta' April 2008 rigwardanti l-kwoti spettanti lill-kontendenti mill-fondi 101/102 Vajringa Street, Victoria, Għawdex.

Rat il-verbal tal-konvenuti ta' l-istess ġurnata fejn iddikjaraw li jaderixxu ma' din il-lista.

Rat il-verbal tagħha tat-8 ta' April 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza *in parte .*

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istadju ntalbet sentenza biex (a) jiġi kkonfermat ir-rapport peritali ta' l-avukat Dottor Carmelo Galea dwar l-interpretazzjoni tal-klawsola fit-testment sigriet ta' Dolores Xuereb ta' l-10 ta' Frar 1983, ippubblikat min-Nutar Dr. Michael Refalo fil-21 ta' Novembru 1990, u (b) biex jiġu kkonfermati l-kwoti spettanti lill-kontendenti mill-fond 101/102 Triq Vajringa, Victoria, Għawdex.

(a) Id-dispożizzjoni testamentarja li dwarha oriġinarjament kienet qed tingħata interpretazzjoni differenti mill-kontendenti kienet is-segwenti:

"***Fl-aħħarnett irrid u nordna illi dak kollu li jifdal mill-assi tiegħi wara l-mewt tiegħi u ċioe' il-flus fid-dar jew il-Bank, għamara w oġġetti oħra għandhom wara l-mewt tiegħi jinbiegħu u r-rikavat għandu jintefaq***

***f'quddies għal ruħi u għar-ruħ  il-ġenituri tiegħi u ħuti mejtin***."

Il-perit legali, wara li jagħti espożizzjoni twila tal-ġurisprudenza u dottrina dwar l-interpretazzjoni tat-testmenti,[1] jgħid illi:

"*Fid-dawl tas-suespost, u fid-dawl tat-termini preċiżi tad-dispożizzjoni testamentarja de quo, l-esponent jikkonkludi illi huma biss il-flus fid-dar jew il-Bank,  għamaraw w oġġetti oħra illi għandhom jiġu erogati f'quddies għal ruħ it-testatriċi u l-familjari tagħha.*

*L-esponent jibbaża din il-konklużjoni fuq il-fatt illi immedjatament wara li t-testatriċi semmiet illi qegħda tħalli l-assi tagħha kollha għal din il-fini, hija speċifikat illi dawn l-assi huma l-flus u mobbilja billi qalet 'u ċjoe'.*

*F'dan ir-rigward l-esponent imur oltre il-prinċipju tal-eiusdem genere illi fuqu jibbażaw ruħhom il-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom. It-testatriċi ma qalitx illi hija qegħda tħalli l-assi tagħha bħal ma huma mobbli, iżda kienet saħansitra aktar speċifika u qalet preċiżament dawk l-assi f'hiex għandhom jikkonsistu billi qalet 'u ċjoe' qabel ma semmiet l-oġġetti f'hiex għandhom jikkonsistu*."

Għaldaqstant l-istess perit legali a bażi ta' din l-interpretazzjoni minnu mogħtija, ikkonkluda illi:

"*Salv il-legati ordnati mit-testatriċi u wara illi l-flus fid-dar jew il-Bank, għamara w oġġetti oħra eżistenti fid-dar tat-testatriċi jiġu erogati f'quddies għal ruħ it-testatriċi, Dolores Xuereb għandha titqies illi mietet intestata, u għalhekk is-suċċessjoni tagħha għandha tiġi dikjarata illi iddevolviet ab intestato favur ħutha superstiti u t-tfal ta' ħutha predefunti*."

Wara li jagħti deskrizzjoni tal-legati mħollija mill-imsemmija Dolores Xuereb bid-diversi testmenti tagħha,[2]

---

[1] A fol. 651 - 658 tal-process .
[2] ara rapport peritali a fol. 659 - 660 tal-process

il-perit legali jkompli jfisser kif, peress illi ħutha mietu kollha qabilha, u minn dawn tlieta biss kellhom ulied, u ċioe' Antonio, George u Giuseppa Galea, "*fit-termini tal-artikolu 814 tal-Kodiċi Ċivili, is-suċċessjoni tagħha għandha tiġi aperta fi kwota ta' terz ulied Antonio Xueeb lkoll bejniethom per stirpes, u fi kwota ta' terz ulied Gorg Xuereb lkoll bejniethom per stirpes; u r-rimanenti terz ulied Giuseppa Galea lkoll bejniethom per stirpes*."

Permezz ta' rikors tat-12 ta' Jannar 2007, il-perit legali l-avukat Dottor Carmelo Galea, bl-adesjoni tal-kontendenti kollha, talab sentenza fejn jiġi konfermat dan ir-rapport peritali tiegħu.[3]

B. Permezz ta' Nota tat-8 ta' April 2008 l-atturi ppreżentaw lista bil-kwoti rispettivi spettanti lill-kontendenti mill-fond bin-numri 101/102 Triq Vajringa, Victoria, Għawdex. Fl-istess ġurnata l-konvenuti ddikjaraw seduta stante li jaderixxu ma' din il-lista.

Għaldaqstant tiddiċidi f'dan l-istadju tal-proċeduri billi:

1. tiddikjara illi l-interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjoni testamentarja ta' Dolores Xuereb, magħmula fit-testment sigriet tagħha ta' l-10 ta' Frar 1983 li bih ordnat illi dak li jifdal mill-assi tagħha wara l-mewt tagħha u ċioe' l-flus fid-dar jew il-bank, għamara w oġġetti oħra, għandhom wara l-mewt tagħha jinbiegħu u r-rikavat għandu jintefaq f'quddies għal ruħha u għar-ruħ il-ġenituri tagħha u ħutha mejtin, għandha tkun illi dan il-legat jirreferi biss għall-flus fid-dar jew fil-bank, għamara u oġġetti mobbli oħra li kellha fl-epoka tal-mewt tagħha;

*2.* tiddikjara wkoll illi, wara li jiġu perċepit dan il-legat u l-legati l-oħra kollha msemmija mill-perit legali fir-rapport tiegħu a folio 659 sa 660 tal-proċess u mħollija bid-diversi dispożizzjonijiet testamentarji tagħha, il-beni immobbli rimanenti w appartenenti l-assi ta' l-istess Dolores Xuereb, għandu jinqasam *per stirpes* kwantu għal: terz (1/3) indiviż bejn ulied ħuha Antonio Xuereb, jew

[3] ara Rikors relattiv a fol. 689 tal-process

aħjar illum l-eredi tagħhom; terz (1/3) indiviż ieħor bejn ulied ħuha George Xuereb; u r-rimanenti terz (1/3) indiviż bejn ulied oħtha Giuseppa Galea ;

*3.* tiddikjara li l-kwoti tal-kontendenti mill-fond bin-numri mija u wieħed (101) u mija u tnejn (102) Triq Vajringa, Victoria, Ghawdex, huma skond il-lista redatta mill-atturi u ppreżentata fl-atti ta' din il-kawża fit-8 ta' April 2008, li magħha ddikjaraw li jaqblu l-konvenuti wkoll.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------